



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

11929/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0146(NLE)

---

---

POLCOM 218  
FDI 59  
ENER 366  
ATO 51

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|-------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                         |
| data meta waslet: | 2 ta' Lulju 2024                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                        |
| Nru dok. Cion:    | COM(2024) 256 final                                                                                                                                                                                                                                                               |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 256 final.

Mehmuż: COM(2024) 256 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.7.2024  
COM(2024) 256 final

2024/0146 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-adozzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE) huwa ftehim kummerċjali u ta' investiment multilaterali applikabbli għas-settur tal-enerġija, li ġie ffirmat fl-1994 u li daħal fis-seħħ fl-1998. L-Unjoni Ewropea hija Parti Kontraenti għat-TKE<sup>1</sup>, flimkien mal-Euratom, it-22 Stat Membru (sa mid-19 ta' Ġunju 2024)<sup>2</sup>, kif ukoll il-Ġappun, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent u tal-eks USSR, bl-eċċezzjoni tar-Russja<sup>3</sup> u l-Belarużsja<sup>4</sup>.

F'*Komstroy*<sup>5</sup>, il-QĠUE ddeċidiet li l-Artikolu 26(2)(c) tat-TKE għandu jiġi interpretat bħala li mhuwiex applikabbli għal tilwim bejn Stat Membru u investitur ta' Stat Membru ieħor dwar investiment magħmul minn dan tal-aħħar fl-ewwel Stat Membru. Madankollu, it-tribunali tal-arbitraġġ ikomplu jaċċettaw il-ġurisdizzjoni u jagħtu sentenzi fi proċedimenti intra-UE. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni bagħtet Komunikazzjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri li tistabbilixxi l-intenzjoni tagħha li tiftaħ negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni, il-Euratom u l-Istati Membri fir-rigward tal-interpretazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li jkun jinkludi, b'mod partikolari, konferma li t-TKE qatt ma applika, ma japplikax u mhux se japplika intra-UE, li t-TKE ma jistax iservi bħala bażi għal proċedimenti ta' arbitraġġ, u li l-klawżola ta' estinzjoni ma tapplikax. Dawn in-negozjati saru. It-test tal-ftehim *inter se* issa jitqies bħala stabbli. L-inizjalar tat-test, li jindika li n-negozjati nġhalqu, sar fis-26 ta' Ġunju 2024.

#### • Il-Ftehim previst

Ma hemm xejn fil-ftehim li jiddikjara xi ħaġa ġdida. Huwa riflessjoni tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u kompletament konformi mal-pożizzjoni stabbilita tal-Unjoni kif espressa f'diversi okkażjonijiet inkluż f'seduta bil-miftuħ f'ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi. Il-premessi tal-ftehim jirrakkontaw l-istorja u l-kuntest tal-ftehim, inkluż b'mod partikolari l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni kif mogħtija mill-QĠUE, u jirrikonoxxu l-fatt li l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni qed tiġi mminata mill-ħruġ ta' deċiżjonijiet fi proċedimenti ta' arbitraġġ intra-UE. L-unika dispożizzjoni ta' sustanza (l-Artikolu 2) tistabbilixxi l-fehim komuni tal-partijiet għall-ftehim fir-rigward tan-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikolu 26(2)(c) tat-TKE intra-UE u n-nuqqas konsegwenti ta' kwalunkwe bażi legali għal proċedimenti ta' arbitraġġ intra-UE kif espress fil-ftehim *inter se*.

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1-116).

<sup>2</sup> L-Italja ħarġet minnu unilateralment fl-2015. Franza, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Lussemburgu wkoll bdew proċedura ta' ħruġ bejn Diċembru 2022 u Ġunju 2023, li wasslet għall-ħruġ effettiv tagħhom mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, f'Diċembru 2023 għal Franza, il-Ġermanja u l-Polonja, u mis-17 ta' Ġunju 2024 għal-Lussemburgu.

<sup>3</sup> Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa.

<sup>4</sup> Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Belarużsja u l-applikazzjoni proviżorja tat-TKE mill-Belarużsja.

<sup>5</sup> Is-sentenza *République de Moldavie*, C-741/19, EU:C:2021:655.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi legali

Is-sentenza *Komstroy* ma ġietx irrispettata mit-tribunali tal-arbitraġġ, li b'mod konsistenti ma jirrifjutawx minħabba nuqqas ta' ftehim ta' arbitraġġ validu u, b'riżultat ta' dan, id-deċiżjonijiet arbitrali ngħataw u għadhom jingħataw b'mod li jmur kontra r-regoli tal-Unjoni Ewropea u tal-EURATOM. Dawk id-deċiżjonijiet spiss ikunu s-suġġett ta' proċedimenti ta' infurzar, inkluż f'pajjiżi terzi. Hemm riskju ta' kunflitt bejn it-Trattati u t-TKE kif interpretat minn xi tribunali tal-arbitraġġ li, jekk jiġi kkonfermat mill-qrati ta' pajjiżi terzi, jinbidel *de facto* f'kunflitt legali minħabba li d-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ li jiksru d-dritt tal-UE jiċċirkolaw fl-ordinamenti ġuridiċi ta' pajjiżi terzi.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-riskju ta' kunflitt legali huwa ta' natura li jirrendi ftehim internazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, sabiex it-TKE jkun kompatibbli mat-Trattati, jenħtieġ li jiġi eliminat kull riskju ta' kunflitt. Il-politika tal-enerġija tal-Unjoni trid tinkludi l-kisba tal-konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u l-evitar ta' kunflitt bejn it-TKE, att tad-dritt tal-Unjoni, u l-FUE u t-Trattati tal-UE. Minħabba l-pożizzjoni tat-tribunali tal-arbitraġġ, se jkun importanti li r-riskju jiġi indirizzat mill-perspettiva tad-dritt internazzjonali. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom.

Il-Ftehim huwa miżura meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija, kif spjegat hawn fuq. It-Trattat Euratom ma jipprovdi is-setgħat meħtieġa. Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni li jiġi awtorizzat l-iffirmar tal-ftehim f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 203 tal-EURATOM.

### • Proporzjonalità

Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika hija wkoll Parti Kontraenti għat-TKE u bħala tali, huwa f'idejn il-Kunsill li jiddeċiedi jekk il-Euratom għandhiex issir parti għall-Ftehim li jinterpreta dak it-Trattat. Il-ġurisprudenza eżistenti tal-QĠUE u bosta interventi tal-Kummissjoni quddiem it-tribunali tal-arbitraġġ u l-qrati ta' pajjiżi terzi ma kinux biżżejjed biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni u l-eliminazzjoni tar-riskju ta' kunflitt bejn it-TKE u l-FUE u t-Trattati tal-UE. Sabiex ikollu l-effett mixtieq fuq il-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tat-tribunali tal-arbitraġġ, l-att li għandu jiġi adottat għandu jkun att tad-dritt internazzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-risposta xierqa hija li jiġi adottat strument fil-forma ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni tat-trattat.

## 3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

xejn

## 4. ELEMENTI OĦRA

Fl-aħħar stadji tan-negozjati tal-Ftehim, tqajmet il-possibbiltà li ssir Dikjarazzjoni dwar il-konsegwenzi legali tas-sentenza *Komstroy* bħala mezz biex jiġi fformalizzat, diġà issa, il-fehim komuni rifless fil-ftehim *inter se*. Il-Kummissjoni ffirmat dik id-Dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adozzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-Ftehim dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>6</sup>,

Billi:

- (1) F'*Ir-Repubblika tal-Moldova vs Komstroy*, C-741/19, il-QĠUE ddeċidiet li l-Artikolu 26(2)(c) tat-TKE għandu jiġi interpretat bħala li mhuwiex applikabbli għal tilwim bejn Stat Membru u investitur ta' Stat Membru ieħor dwar investiment magħmul minn dan tal-aħħar fl-ewwel Stat Membru.
- (2) Madankollu, it-tribunali tal-arbitraġġ ikomplu jaċċettaw il-ġurisdizzjoni u jagħtu sentenzi fi proċedimenti intra-UE allegatament ibbażati fuq l-Artikolu 26(2)(c) tat-TKE. Skont il-QĠUE, kwalunkwe deċiżjoni ta' arbitraġġ bħal din trid titqies bħala inkompatibbli mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Artikoli 267 u 344 tat-TFUE. Għaldaqstant, tali deċiżjoni ma tista' tipproduċi ebda effett u għalhekk ma tistax tiġi eżegwita sabiex jiġihallas il-kumpens mogħti minnha.
- (3) L-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni qed tiġi mminata mill-ħruġ ta' tali deċiżjonijiet fi proċedimenti ta' arbitraġġ intra-UE. Hemm riskju ta' kunflitt bejn it-Trattati u t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kif interpretat minn xi tribunali tal-arbitraġġ li, jekk jiġi kkonfermat mill-qrati ta' pajjiż terz, de facto jinbidel f'kunflitt legali minħabba li d-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ li jiksru l-liġi tal-UE jiċċirkolaw fl-ordinamenti ġuridiċi ta' pajjiżi terzi.
- (4) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-riskju ta' kunflitt legali huwa ta' natura li jirrendi ftehim internazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-riskju ta' kunflitt legali jiġi eliminat. L-adozzjoni ta' strument tad-dritt internazzjonali li jistabbilixxi l-fehim komuni tal-firmatarji dwar in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bħala bażi għal proċedimenti ta' arbitraġġ intra-UE jenħtieġ li tgħin biex jintlaħaq dak l-għan.
- (5) Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-EURATOM, u l-Istati Membri kkonkludew b'suċċess in-negożjati dwar it-termini ta' tali ftehim. Il-fehim komuni li jinsab f'dak il-Ftehim ġie mtenni f'Dikjarazzjoni dwar il-konsegwenzi legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Komstroy* u l-fehim komuni dwar in-nuqqas

---

<sup>6</sup> ĠU C , , p.

ta' applikabbiltà tal-Artikolu 26 tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija bħala bażi għall-proċedimenti ta' arbitraġġ intra-UE, tas-26 ta' Ġunju 2024.

(6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi adottat, soġġett għall-iffirmar tiegħu f'data aktar tard,  
ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-Ftehim fl-Anness huwa b'dan adottat, soġġett għall-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim imsemmi.

Il-President tal-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li taħtar lill-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*